SAN LAWRENZ

Minuti tas-sittin (60) laqgħa tas-Sitt Leġislatura tal-Kunsill Lokali San Lawrenz. Laqgħa li nżammet nhar l-Erbgħa 11 ta' Marzu 2015 fil-5:30 pm.

Preżenti għal laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anthony Cassar | Sindku |
| Is-Sna. Micheline Mercieca | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Sultana | Kunsillier |
| Is-Sur John Mercieca | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Paul Bajada | Seg. Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Is-Sna Renee Formosa | Ambaxxatriċi |
| Is-Sna. Luiga Grima | Kunsillier |

1. Talba

1.1 Intqalet it-talba. Is-Sindku ppresieda l-laqgħa. Inqraw il-minuti, saru xi korrezzjonijiet u ġew approvati unanimament.

2. Korrispondenza

2.1 Mingħand il-*Malta Communication Authority* rigward tweġiba għall-petizzjoni li rċieva l-kunsill fuq installazzjoni t'antenna fil-lokalità. Il-Kunsill qabel li għandha tintbgħat għall-attenzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali kif indikat fl-istess korrispondenza.

2.2 Mingħand Transport Malta fejn m'approvax zewġ crash barriers quddiem ir-residenza 'Sunshine'. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu inkonsiderazzjoni l-opinjoni tat-Transport Malta.

2.3 Mingħand Transport Malta fejn approva l-Loading/Unloading bay fi Pjazza San Lawrenz skont kif saret l-applikazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill Lokali qabel li l-marki fl-art għandhom isiru biż-żebgħa.

2.4 Mingħand is-Sindku ta' San Lawrenz Anton Cassar fejn preżenta r-riżenja tiegħu minn *Project Leader* tal-proġetti tal-Unjoni Ewropeja Measures (312-313) b'effett minn mit-30 ta' Marzu 2015. Kien hemm diskussjoni dwar din il-materja fejn is-Sindku ntalab jikkunsidra din ir-riżenja sabiex tiġi estiża sakemm hu jtemm il-kariga tiegħu ta' Sindku. Is-Sindku aċċetta li jtawwal din il-kariga mat-tmiem tal-kariga tiegħu minn Sindku.

Kunsill Lokali San Lawrenz
22A, Triq id-Duluri, San Lawrenz
Tel: 00356-563556 Fax: 00356-563656
e-mail: sanlawrenz.lc@gov.mt

SAN LAWRENZ

2.5 Mingħand il-Bord ta' Governanza fuq proċedura ta' kif il-Kunsill għandu jimxi sabiex jissewew il-ħsarat ta' vetturi f'toroq responsabbli għalihom il-Kunsill Lokali. Is-segretarju ġibed l-attenzjoni li wara li daħal rapport fuq ħofra li kienet ta' periklu fi Triq il-Wileġ, hu wara li nforma lis-Sindku u ġie deċiż li għandha tittieħed azzjoni kemm jista' jkun malajr sabiex jiġi evitat il-periklu. Ġie kuntatjat is-Sur Joe Grima sabiex jagħmel dan ix-xogħol.

2.6 Mingħand il-President ta' Malta fejn irringrazzjat lis-Sindku u kunsilliera tal-merħba sabiħa li ngħatat waqt iċ-ċerimonja li saret fejn ġiet preżentata l-għotja għall-Community Chest Fund nhar il-Ħadd 22 ta' Diċembru. 2014

2.7 Inġgħabet kwotazzjoni mingħand Joe Grima dwar xogħol ta' Taraġ fi Sqaq Pawlu-Luzzu bl-ammont ta' Euro 986 Vat eskluż. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li għandha ssir *site-inspection* mill-Perit Ivana Farrugia u l-kuntrattur Joe Grima sabiex isir rapport fuq din it-talba.

2.8 Is-segretarju preżenta rapport tal-Perit wara li saret *site-inspection* fl-isqaqien fejn ġw imniżżla l-materji żgħar li kien fadal.

3. Approvazzjoni ta' pagamenti

3.1 L-iskeda tal-pagamenti numru 27/6 ġiet approvata għall-ammont ta' €18,865.93 kif annessa mal-minuti.

4. Devoluzzjoni dawl tal-Pjazza

4.1 John Mercieca qal li ftit tal-jiem ilu attenda għal ftuħ taċ-Ċentru Ċiviku ġewwa il-lokalità f'ta' Kerċem. Huwa qal li dan il-Kunsill għandu jagħmel it-talba għad-devoluzzjoni għaliex il-lokalità ta' San Lawrenz ukoll jixraqilha li jkollha Ċentru Ċiviku ta' kwalità. Huwa qal li ġie nfurmat li fil-ħofra ta' ma ġenb l-iskola qed issir xi ħsara lis-sidien ta' terzi persuni. Peress li l-art inkwistjoni hija tal-Gvern, hawnhekk kien hawn qbil li għandu jinkiteb lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, kif ukoll lill-Prinċipla tal-Kulleġġ t' Għawdex, fejn jiġi rappurtat din il-ħsara.

4.2 Is-Sindku qal li fit-tmiem il-leġislatura dan il-Kunsill m'għandux jorbot lil ta' warajh b'din id-deċiżjoni. Dwar il-ħsara huwa talab li l-persuna sid ta' fejn qed issir il-ħsara, għandha tiġi l-Kunsill u tagħmel ir-rapport hi, qabel isir ir-rapport lill-Ministeru tal-Edukazzjoni.

4.3 Is-Sur John Mercieca talab vot fuq id-devoluzzjoni fejn intalab ukoll li l-ismijiet ta' kif saru l-voti jiġu mniżżla fil-minuti. Is-Sur John Mercieca u Joseph Sulatana ivvutaw favur li tintalab id-devoluzzjoni tal-ħofra ta' maġenb l-iskola minnufih. Is-

Kunsill Lokali San Lawrenz
22A, Triq id-Duluri, San Lawrenz
Tel: 00356-563556 Fax: 00356-563656
e-mail: sanlawrenz.lc@gov.mt

SAN LAWRENZ

Sur Anton Cassar u Sinjra Micheline Mercieca ivvutaw kontra. Peress li l-voti ġew indaqs, is-Sindku Anton Cassar uża l-*casting vote* u t-talba għad-devoluzzjoni minnufih m'għaddietx.

5. Ftehim dawl tal-Pjazza

5.1 Is-segretarju nforma li l-ftehim li l-propjetarji tar-residenza fi Pjazza San Lawrenz fejn ser jiġi installat id-dawl sabiex jixgħel il-faċċata tal-Knisja, qed jitolbu li jekk id-dawl ma jinqalax fi żmien stipulat (għaxart ijiem), f'każ ta' żvilupp, il-Kunsill Lokali jeħel il-multa ta' 500 Ewro kuljum. Il-kunsilliera preżenti qablu li din il-klawsola għandha tiddaħħal fil-kuntratt.

6. Materji oħra

6.1 Is-sur John Mercieca fakkar li dan il-Kunsill kien iddeċieda li għandha ssir swimming zone ġewwa d-Dwejra.

6.2 Is-Sur Joseph Sultana stqarr li l-ismijiet tat-toroq li saru fuq iċ-ċerimaka fl-inħawi tal-flats m'għadhomx jinqraw. Il-Kunsill għandu jara mingħand min saru sabiex jintranġaw.

6.3 Dwar il-ħarġa tal-anzjani fix-xahar t'April, il-Kunsilliera qablu li xorta għandha ssir anke' jekk ser ikun hemm l-elezzjonijiet. Ġie maqbul li ħarġa għandha ssir ġewwa l-lokalita' t' Għajnsielem.

6.4 Peress li ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi l-laqgħa ntemmet fis-7:00 pm

Anthony Cassar
Sindku

Ian Paul Bajada
Seg. Eżekuttiv

Kunsill Lokali San Lawrenz
22A, Triq id-Duluri, San Lawrenz
Tel: 00356-563556 Fax: 00356-563656
e-mail: sanlawrenz.lc@gov.mt